# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 4**

**Rikors numru 1193/13/1 AF**

**Paul Attard**

**v.**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur ippreżentat mir-rikorrent Paul Attard, fit-12 ta' Diċembru, 2013, li permezz tiegħu ngħad:

> "Illi fit-23 ta' Awwissu 2013, l-esponent kien abbord il-bastiment MV LECA NORD, registrat bil-bandiera tal-Belize, fil-kwalità tieghu ta' kaptan tal-istess bastiment.
>
> Illi l-imsemmi bastiment kellu tghabija konsistenti fost ohrajn f'vetturi, dghajjes u provvisti tal-ikel. Kollox kien debitament dikjarat u mnizzel

fil-manifest tat-tghabija kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok. PA1 sa PA3.

Illi fil-fatt, l-intimat kien digà vverifika t-tghabija kollha waqt li din kienet ghadha fil-mahzen ftit tal-jiem qabel u rrilaxxa d-dokumenti relattiv.

Illi sussegwentement, l-intimat rega' vverifika t-tghabija oggett oggett waqt li din kienet qed tigi mghobbija fuq il-bastiment u taha l-clearance lill-esponent sabiex jibda l-vjagg tieghu.

Illi b'danakollu meta l-bastiment kien hiereg mill-port l-esponent ircieva komunikazzjoni mill-Valletta Port Control sabiex jirritorna u jorbot mal-moll. L-esponent mexa mad-direttiva moghtija u l-fizzjali tal-intimat telghu fuq il-bastiment u ghamlu perkwizizzjoni rigoruza tal-crew's accomodation. Sussegwentement, l-istess fizzjali u ufficcjali tal-intimat regghu ivverifikaw it-tghabija oggett oggett.

Illi f'dan l-istadju l-ufficcjali tad-Dwana ordnaw li jitnizzlu mill-bastiment zewg jetskis, wiehed tat-tip SEADOO SP u iehor SEADOO Jetski (GTI LTD).

Illi l-imsemmija jetskis huma proprjetà tal-esponent, kif jidher mill-imsemmija dokumenti u ricevuti hawn annessi u markati Dok. PA4-PA7 u ghalhekk ma kien hemm ebda obbligu li dawn jitnizzlu fil-manifest tat-tghabija u provvisti.

Illi kien l-esponent stess li bl-ghajnuna ta' xi nies ohra garr l-imsemmija jetskis fil-post indikat mill-ufficcjali tal-intimat.

Illi kien hemmhekk li l-intimat irilaxxa ricevuta ghall-jetskis mizmuma (Dok. PA8) u sussegwentement baghat in-nota ta' qbid bin-numru 64/2013 ghall-qbid tal-istess bcejjec tal-bahar (Dok. PA9).

Illi fit-12 ta' Novembru 2013 l-esponent taha avviz bil-miktub lill-intimat fit-termini tal-artikolu 72(2) tal-Ordinanza tad-Dwana fejn infurmah li huwa kien proprjetarju tal-istess jetskis u talbu jirrilaxxahom favurih b'mod immedjat.

Illi minkejja dan, l-intimat irrifjuta li jirrilaxxja l-istess bcejjec tal-bahar u dan minghajr ebda raguni valida jew gustifikata.

Illi l-agir tal-intimat, inkluz il-perkwizizzjoni maghmula minnu, mhux biss huwa legalment intenibbli, izda huwa sproporzjonat u leziv tad-drittijiet partrimonjali tal-esponent.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tas-smiegh tal-kawza, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-helsien tal-jetskis maqbuda bin-nota ta' qbid numru 64/2013 ai

termini tal-artikolu 73 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) ppreżentata minnu fl-4 ta' Marzu, 2014, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

"Illi l-esponent joggezzjona ghat-talba kif dedotta fir-Rikors Promotur stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

(1) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma insostenibbli peress li jirrizulta mic-cirkostanzi odjerni li r-rikorrent naqas milli jiddikjara l-oggetti indikati fuq in-Nota ta' Qbid in kontestazzjoni fuq ebda dokument, kif kien obbligat li jaghmel skont l-Artikolu 59(2) u 62(1) tal-Kap 37;

(2) Illi permezz tan-Nota ta' Qbid numru 64/2013, l-esponent qabad *zewg jet skis tal-marka Seadoo bir-referenza AA-8856 ZZN1671016975879* u *GTI 155 CAYDV22547C111* fit-30 ta' Awwissu 2013 fejn ir-rikorrent kien qed jipprova jesporta illegalment lejn Zuara, fil-Libya l-imsemmija *jet skis* li ma kienux debitament dikjarati fuq il-bastiment MV LECA NORD kif kien obbligat li jaghmel skont il-ligi, u li skont kif tindika s-*Sea Cargo Manifest* (ipprezentata mir-rikorrent stess DOK PA1-3) kellha tghabbija li fil-maggior parti taghha kienet tikkonsisti f'vetturi tat-triq u bcejjec tal-bahar. Fil-fatt, jirrizulta li l-imsemmija *jet skis* mertu tal-azzjoni odjerna, ma huma iddikjarati imkien fuq l-istess *Sea Cargo Manifest*;

(3) Illi l-esponent jirribatti li a kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat fir-Rikors in risposta, l-irregolarità li tikkoncerna l-iskoperta tal-imsemmija *jet skis* mill-ufficcjali tad-Dwana immaterjalizzat ruhha fil-fatt li r-rikorrent naqas li jiddikjara l-imsemmija *jet skis* fi kwalunkwe dokument, u l-istess *jet skis* gew skoperti unikament meta l-bastiment MV LECA NORD reggha issejjah lura mill-awtoritajiet koncernati wara li kien diga salpa mill-Port il-Kbir, sabiex issirlu tfittxija ghall-oggetti li ma kienux dikjarati skont il-ligi ai termini tal-Artikolu 59(2) tal-Kap 37;

(4) Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent li l-perkwizizzjoni ma kienitx wahda *legalment tenibbli*, l-esponent jirribatti li dan certament mhux minnu stante li l-ufficcjali tad-Dwana mhux biss ghandhom d-dmir, izda wkoll id-dritt li jinvestigaw f'kaz ta' suspett ai termini tal-Artikoli 59(1), 62(1) u 70(1) tal-Kap 37;

(5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

> Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li fic-cirkostanzi odjerni, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-Rikors odjern bhala infondata fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez."

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Ġunju, 2020, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens li ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "...illi din hija kawża għal ħelsien ta' oġġetti maqbuda mill-intimat. Mill-provi prodotti jirriżulta li fit-23 ta' Awwissu 2013, ir-rikorrent kien abbord il-bastiment MV LECA NORD fil-kwalità tiegħu ta' kaptan tal-istess bastiment. Dan il-bastiment kellu tagħbija konsistenti, *inter alia*, f'vetturi, dgħajjes u provvisti tal-ikel, kollha debitament dikjarati u mniżżla fil-manifest tat-tagħbija tal-bastiment.
>
> It-tagħbija kienet verifikata mill-uffiċjali tad-dwana waqt li kienet qiegħda fil-maħżen kif ukoll kif kienet qiegħda tiġi mgħobbija fuq il-bastiment fil-port. Għaldaqstant, ir-rikorrent ingħata l-permess sabiex jibda l-vjaġġ tiegħu għall-Libja kif fil-fatt għamel.
>
> Madanakollu, kif il-bastiment kien ħiereġ mill-port, ir-rikorrent ingħata ordni sabiex jirritorna u jorbot mal-moll. Huwa segwa l-istruzzjonijiet mogħtija lilu u kif daħal lura fil-port uffiċjali tad-dwana telgħu abbord sabiex jagħmlu spezzjoni tat-tagħbija kif ukoll tal-effetti personali tal-ekwipaġġ. Waqt din l-ispezzjoni rriżulta li abbord kien hemm żewġ *jet skis* li ma kienux reġistrati fuq l-ebda manifest tal-bastiment. L-uffiċjali tad-dwana għalhekk ordnaw illi dawn il-*jet skis* jitniżżlu minn fuq il-bastiment u sussegwentement ġew konfiskati. Fuq in-nota ta' qbid in kwistjoni ġie indikat li dawn l-oġġetti ġew konfiskati a tenur tal-artikolu 59(2) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li jekk abbord xi bastiment fl-ibħra territorjali tal-Malta ikun hemm oġġetti mhux imniżżlin fil-manifest tat-tagħbija jew provvisti mhux imniżżlin fil-polza tal-provvisti, dawn l-oġġetti jew provvisti għandhom jiġu kkonfiskati.
>
> Ir-rikorrent jikkontendi li dawn il-*jet skis* huma proprjetà tiegħu u li għalhekk ma kienx meħtieġ illi jiġu dikjarati fuq xi manifest tal-bastiment. Għaldaqstant, huwa ressaq dan ir-rikors a tenur tal-artikolu

73 tal-Kap. 37 sabiex jitlob lill-Qorti tordni l-ħelsien tal-imsemmija *jet skis*.

L-intimat jikkontendi li r-rikorrent kien qiegħed jittanta jesporta lejn il-Libja dawn il-*jet skis* mingħajr ma kienu debitament dikjarati u allura li l-konfiska tagħhom kienet ġustifikata. A tenur tal-artikolu 77 tal-Kap. 37, il-prova li dawn l-oġġetti ma kellhomx jiġu konfiskati mill-intimat għandha ssir mir-rikorrent.

Ir-rikorrent preżenta żewġ riċevuti (li mhumiex fiskali) sabiex juri li huwa fil-fatt kien xtara dawn il-*jet skis* kif ukoll stqarrija maħlufa tal-bejjiegħa bħala prova tal-akkwist tiegħu ta' dawn iż-żewġ *jet skis* f'ismu personali.

Hemm qbil bejn il-partijiet illi l-*jet skis* in kwistjoni kienu fuq il-pruwa tal-bastiment flimkien mat-tagħbija. Il-liġi tiddefinixxi 'oġġetti' bħala 'oġġett jew oġġetti ta' merkanzija'. Madanakollu, fl-istess liġi ma nsibu l-ebda definizzjoni ta' 'provvisti'.

Wara li fliet bir-reqqa l-atti kollha ta' din il-kawża, il-Qorti tqis illi r-rikorrent ma rnexxilux jikkonvinċiha mill-verżjoni tiegħu li dawn il-*jet skis* ma kienux ser jiġu esportati illegalment li kieku ma ġewx konfiskati mill-intimat. Ir-rikorrent jinsisti li bħala possedimenti personali tiegħu huwa ma kellux għalfejn jiddikjarahom imkien, iżda mill-atti jirriżulta li fil-fatt, kemm l-effetti personali tal-ekwipaġġ kif ukoll it-tagħmir tal-bastiment kienu debitament dikjarati mal-wasla tal-istess bastiment ftit tal-ġranet qabel. Il-Qorti ma tistax ma tkunx imħassba dwar il-fatt li minkejja li r-rikorrent jgħid illi dawn il-*jet skis* kienu ilhom xhur fuq il-bastiment, huwa qatt ma ddikjarahom kif għamel oġġetti oħra. Anke sempliċi *calculator* kienet iddikjarata mal-lista tal-provvisti tal-bastiment! Il-verżjoni tar-rikorrent issir aktar inverosimili meta wiehed iqis illi huwa la kellu polza tal-assigurazzjoni sabiex ikoprihom u lanqas kien jaf bl-amment x'saħħa għandhom. Inkredibbli totalment l-ispjegazzjoni li kienu jintuzaw fil-port fil-Libya ghad-divertiment."

5. Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent Paul Attard, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Ġunju, 2020, in kwantu ċaħdet it-talbiet tiegħu u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur appellat u tilqa' t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-Direttur appellat.

6. Rat ir-risposta tal-appell tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana, li permezz tagħha wieġeb li r-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi din il-kawża titratta talba ghall-finijiet tal-Artikolu 73 tal-Kap.37 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iż-żewġ *jet skis* maqbuda mid-Direttur intimat permezz tan-nota ta' qbid numru 64/2013, jinħelsu u jintraddu lura lir-rikorrent.

10. Id-Direttur Ġenerali tad-Dwana wieġeb li t-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress li (I) l-istess rikorrent naqas milli jiddikjara l-oġġetti indikati fin-nota ta' qbid in kontestazzjoni u dan kif kien obbligat li jagħmel skont l-Artikolu 59(2) u 62(1) tal-Kap. 37; (II) huwa qabad iż-żewġ *jet skis* fit-30 ta' Awwissu, 2013, fejn ir-rikorrent kien qiegħed jipprova jesporta ż-żewġ *jet skis* li ma kinux debitament dikjarati fuq il-bastiment MV LECA NORD skont is-*Sea Cargo Manifest,* kif kien

obbligat jagħmel skont il-liġi; (III) ir-rikorrent naqas milli jiddikjara l-*jet skis* fi kwalunkwe dokument u dawn inqabdu wara tfittxija li għamlu l-uffiċjali tiegħu għall-oġġetti li ma kinux dikjarati skont il-liġi *ai termini* tal-Artikolu 59(2) tal-Kap.37; u (IV) l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-perkwiżizzjoni ma kinitx waħda legalment tenibbli mhix minnha peress li l-uffiċjali tad-Dwana mhux biss għandhom id-dmir iżda d-dritt li jinvestigaw f'każ ta' suspett *ai termini* tal-Artikoli 59(1), 62(1) u 70(1) tal-Kap. 37.

11. L-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

12. Ir-rikorrent ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. Ir-rikorrent isejjes l-appell tiegħu fuq erba' aggravji:

(i) l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi miġjuba quddiemha u skartat provi li jikkontrastaw fis-sħiħ ma' dak ikkunsidrat mill-istess Qorti biex wassluha tiddeċiedi li l-*jet skis* kienu jikkonsistu f'tagħbija u kienu ser jiġu esportati llegalment;

(ii) l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha u għamlet konsiderazzjonijiet li ma jirriflettux il-provi

miġjuba, nkluż fost oħrajn, li kien hemm qbil li l-ħwejjeġ in kwistjoni kienu jinsabu fuq il-gverta tal-bastiment flimkien mal-merkanzija;

(iii) mil-lat legali, l-provvedimenti tal-Kap.37 li fuqhom straħ id-Direttur appellat ma kinux jagħtuh is-setgħa li jaqbad u jikkonfiska l-*jet skis* in kwistjoni u l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi meta qieset il-kuntrarju;

(iv) l-ewwel Qorti ddeċidiet li r-rikorrent ma kkonvinċihiex li l-*jet skis* ma kinux ser jiġu esportati llegalment, meta din ma kinitx waħda mid-difiżi tad-Direttur appellat.

13. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li filwaqt li mhuwiex kontestat li l-imsemmija *jet skis* la kienu ndikati fil-manifest tat-tagħbija u lanqas mal-effetti personali, l-ewwel Qorti ma għamlet referenza għall-ebda provi li ġew prodotti minnu li jikkorroboraw il-verżjoni tiegħu illi dawn il-*jet skis* kienu għall-użu personali tiegħu. Jsemmi li filwaqt li David Bonello, *Chief Mate* tal-bastiment u Jean Paul Buttigieg li kien jaħdem fis-sezzjoni tal-*cargo operations* jikkonfermaw ix-xhieda tiegħu fis-sens li dawn kienu jinżammu fuq il-vapur u jintużaw min-nies abbord id-dgħajsa fil-port barrani, ressaq ukoll xhieda permezz ta' affidavits ta' Vince Camilleri u David Debattista li kkonfermaw li kienu biegħu l-*jet skis* lir-rikorrent u dawn kienu ilhom għandu, wieħed għal diversi xhur u l-ieħor

għal diversi snin. Id-Direttur appellat għażel li ma jagħmilx kontro-eżamijiet lil dawn ix-xhieda u lanqas ressaq prova li tikkuntrasta dan il-fatt. Jagħmel referenza għall-ġurisprudenza u awturi fis-sens li parti li tonqos milli tagħmel kontro-eżami ta' xhud mingħajr ebda spjegazzjoni ssarraf għal aċċettazzjoni ta' veraċita` ta' dak li jingħad minn dak ix-xhud. Kwindi l-appellant ma jifhimx kif l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li "*kien inkredibbli totalment l-ispjegazzjoni li kienu jintużaw fil-port tal-Libya għad-divertiment.*"

14. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, kif ġustament osservat mill-intimat appellat, l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 jipprovdi li huwa l-persuna li tagħmel it-talba għar-rilaxx li għandu jressaq il-prova li t-talba tiegħu hija ġustifikata; dan mhuwa xejn ħlief applikazzjoni tal-Artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura li jipprovdi li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah għaliex – *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat,* kif wara kollox jingħad fil-provvediment tal-liġi msemmi. Kif ġie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati:

> *"Fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju l-izjed sostanzjali hu jekk il-Qorti ghandhiex temmen lill-appellant fl-allegazzjoni centrali u bazika tieghu …jew taccettax dik il-verzjoni tieghu bhala wahda possibbli jew verosimili. Meta l-ewwel Qorti ghamlet dan u ezaminat il-kwistjoni fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, sabet, u f'dan kienet ghal kollox korretta, illi l-prova fornuta mill-attur ma kenitx titqies sufficjenti ghall-konvinciment taghha.*
>
> *Irid jigi osservat ukoll illi anke kieku, gratia argomenti, z-zewg verzjonijiet kienu plawsibbli jew possibbli huwa principju gurisprudenzjali ben affermat illi f'kaz ta' zewg verzjonijiet*

> *dijammetrikalment konfliggenti dan jiffavorixxi lill-konvenuti in kwantu kien dejjem obbligu tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. Dan fuq l-istregwa tal-massima: "incumbit probatio ei qui dicat non ei qui negat" – "Gemma Cassar Saetta –vs- Imco Distributors Limited", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999".*

(Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Camilleri v. Maurice Cauchi et**, deċiża fit-22 ta' Diċembru, 2002). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, quddiem il-Qorti Ċivili, ladarba r-rikorrent jattakka l-ħruġ ta' Nota ta' Qbid maħruġa mid-Direttur intimat, kien jispetta lilu li jġib il-prova meħtieġa sabiex l-ewwel Qorti u issa din il-Qorti, tiddeċiedi fuq bażi ta' probabilita` dwar jekk l-intimat kienx ġustifikat li joħroġ in-nota kontestata u dan abbażi tal-Liġi tad-Dwana.

15. Minkejja li din il-Qorti rat ix-xhieda tal-impjegati tal-appellant, wieħed ma jistax jinjora l-fatt ukoll li meta l-uffiċjal tad-Dwana Lawrence Cutajar, staqsa lir-rikorrent appellant, bħala Kaptan tal-bastiment, sabiex jiġġustifika l-preżenza ta' dawn iż-żewġ *jet skis* abbord il-bastiment meta dawn ma kinux dikjarati*, a tempo vergine* ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni fis-sens li jingħad wara, u ċioe`, li dawn kienu jintużaw għad-divertiment mill-ekwipaġġ fil-port tal-Libja, liema xhieda wkoll ma ġietx kontrastata permezz ta' xi kontro-eżami. Hekk ukoll, qajla tagħmel sens il-verżjoni tar-rikorrent appellant li ma ħassx il-ħtieġa li jiddikjara tali *jet skis* peress li ma kinux intiżi għall-esportazzjoni, u li jingħad minnu kienu ilhom diversi xhur abbord il-bastiment, meta huwa kien fil-pussess ta' oġġetti oħra li

tniżżlu fix-*Ship's Store Declaration List* fl-istess xahar u minn imkien ma jirriżultaw tali *jet skis.* Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn irraġonveoli fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, li wara li qieset ix-xhieda kollha mressqa mill-kontendenti fil-kawża, ddeċidiet li l-verżjoni tar-rikorrent appellant ma kinitx waħda kredibbli. Għalkemm l-ewwel Qorti ma qagħditx telenka x-xhieda kollha mressqa quddiemha, ma jfissirx li hija ma qisithiex, iżda sempliċement li meta qieset il-provi kollha, ddeċidiet li l-provi mressqa mir-rikorrent appellant, ma kinux biżżejjed sabiex jikkonvinċuha minn dak li ngħad minnu. Minkejja li din il-Qorti rat mill-ġdid il-provi in atti, ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni tal-ewwel Qorti.

16. Fi kwalunkwe każ, in-nota ta' qbid maħruġa mid-Direttur appellat fuq il-*jet skis* tagħmel referenza għall-Artikolu 59(2) tal-Kap. 37 bħala raġuni l-għala nħarġet l-istess nota ta' qbid (ara Dok. PA11 a fol. 14 tal-proċess). L-Artikolu 59 (2) tal-Kap. 37 jipprovdi:

> *"Jekk abbord ikun hemm oġġetti mhux imniżżlin fil-manifest tat-tagħbija jew provvisti mhux imniżżlin fil-polza ta' provvisti dawn l-oġġetti jew provvisti għandhom jiġu ssekwestrati."*

Huwa mifhum li ġaladarba r-rikorrent appellant jikkonċedi li l-imsemmija *jet skis* la kienu fil-manifest tat-tagħbija (ara Dok. PA1 sa PA3 a fol. 4 sa 6 tal-proċess) u lanqas mal-elenku tal-effetti personali jew fix-*Ship's Store Declaration List* (ara Dok. CA1 u CA2 a fol. 57 u 58 tal-proċess), huwa pjuttost irrilevanti dak li qalu diversi xhieda mressqa mill-appellant.

Isegwi li l-ewwel aggravju tal-appellant ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jiġi miċħud.

17. Fit-tieni aggravju tiegħu, r-rikorrent appellant jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet numru ta' konsiderazzjonijiet li mhumiex sostnuti mill-provi in atti. Hekk per eżempju meta jingħad mill-ewwel Qorti li "*Hemm qbil bejn il-partjiet illi l-jet skis in kwistjoni kienu fuq il-pruwa tal-bastiment flimkien mat-tagħbija*." – Dan meta dan il-punt jirriżulta bħala wieħed ferm ikkontestat fil-kawża, peress li jikkontendi li filwaqt li t-tagħbija għall-esportazzjoni kienet fil-maħżen tal-bastiment, il-*jet skis* kienu jinstabu separati mill-bqija tat-tagħbija. Għalhekk il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti kienet waħda żbaljata. Hekk ukoll, l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li l-*jet skis* ma kinux koperti b'polza jew li r-rikorrent ma kienx jiftakar x'kienet is-saħħa tal-istess *jet skis* kienet irrilevanti. Dan peress li apparti li jirrileva li l-polza tal-bastiment kienet tkopri t-tagħmir kollu tal-bastiment, josserva wkoll li l-mudelli taż-żewġ *jet skis* huma pjuttost antiki u l-fatt li kien iħallihom għall-użu tal-ekwipaġġ jindika li l-valur tagħhom kien wieħed limitat. Kwindi lanqas dawn l-osservazzjonijiet ma kellhom iwasslu għad-deċiżjoni li ħadet l-ewwel Qorti.

18. Għalkemm huwa minnu li mill-provi in atti jirriżultaw verżjonijiet kontrastanti dwar fejn kienu nstabu dawn il-*jet skis,* jiġi osservat li għal darb'oħra huwa ritenut li l-post fejn kienu jinsabu l-*jet skis* mhux meqjus

daqstant relevanti għall-vertenza in eżami. Jibqa' l-fatt li dawn il-*jet skis* ma kinux dikjarati la fil-manifest tat-tagħbija u lanqas mal-elenku tal-effetti personali jew fil-polza tal-provvisti, meta affarijiet oħra bħal *stereo system,* kompjuter, televiżjoni, *calculator, photocopy machine* kienu lkoll elenkati bħala parti mill-affarijiet fuq il-bastiment in kwistjoni. Inoltre, għalkemm forsi wieħed jista' jasal li jemmen li r-rikorrent ma kienx jaf jgħid kemm kienu b'saħħithom dawn il-*jet skis,* tabilħaqq hija relevanti l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li hija pjuttost inkredibbli l-verżjoni tar-rikorrent li għalkemm kien is-sid ta' dawn il-*jet skis* li kien iħalli lill-ekwipaġġ juża dawn il-*jet skis,* meta ma kellhomx polza tal-assikurazzjoni u li ried jivverifika sabiex jara jekk kinux jaqgħu taħt il-polza tal-vapur! Wieħed kien jistenna li sid għaqli jagħmel tali verifika qabel ma jgħabbi tali *jet skis* fuq il-vapur u jħalli l-membri tal-ekwipaġġ jagħmlu użu minnhom f'pajjiż barrani għad-divertiment! Għalhekk fi kliem l-ewwel Qorti, l-ispjegazzjoni mogħtija mir-rikorrent għandha mill-inkredibbli. Fi kwalunkwe każ, huwa ritenut li dan l-aggravju fih innifsu ma hu ser jagħmel l-ebda differenza fil-konklużjoni ta' din il-Qorti dwar l-apprezzament tal-provi, li kif ingħad taħt l-ewwel aggravju, din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad mill-ewwel Qorti.

19. Fit-tielet aggravju tiegħu r-rikorrent appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti naqset milli tqis li mill-aspett legali, ġaladarba l-*jet skis* la jikkostitwixxu tagħbija u lanqas provvisti, l-poteri msemmija mid-Direttur

intimat fir-risposta tiegħu, a tenur tal-Artikolu 59(2) u 62(1) tal-Kap.37 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx. Filwaqt li jislet il-provvediment tal-Artikolu 59(2) tal-Kap.37, jikkonċentra fuq it-terminu "*oġġetti*" filwaqt li fit-test Ingliż tintuża l-kelma "*goods*", kwindi jsostni li l-provvediment tal-liġi in eżami jirreferi għall-merkanzija. Dan meta l-istess liġi tagħti definizzjoni ta' "*oġġetti*" bħala li "*ifissru oġgett jew oġġetti ta' merkanzija;*" sabiex isostni li mhux kull oġġett fuq il-bastiment għandu jitqies bħala oġġett ta' merkanzija. F'dan il-każ l-istess rikorrent, kif ukoll x-xhieda mressqa minnu, kkonfermaw li l-imsemmija *jet skis* ma kienux jikkostitwixxu oġġett ta' merkanzija, iżda kienu effetti personali tal-istess appellant. Fil-fatt l-ewwel Qorti stess innutat li filwaqt li l-Kap.37 jipprovdi tifsira tal-kelma "*oġġetti*", ma jagħtix tifsira tal-kelma "*provvisti*". Għalkemm il-liġi ma tagħtix definizzjoni tal-kelma provvisti, l-appellant jikkontendi li ħarsa lejn il-lista ta' provvisti fuq ix-*ship's stores list,* huwa evidenti li dawn huma ħtiġijiet ta' kuljum bħal ikel, ilma u provvisti ta' mediċina jew prodotti ta' tindif. Mentri jikkontendi li l-*jet skis* la huma merkanzija u lanqas provvisti u għalhekk ma jaqgħux fit-termini tal-Artikolu 59(2) tal-Kap.37, peress li l-liġi ma tagħti ebda setgħa lid-Direttur appellat li jikkonfiska l-oġġetti li ma jkunux fil-lista tal-effetti personali tal-ekwipaġġ. Kwindi l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tiċħad it-talbiet tiegħu.

20. Għalkemm din il-Qorti taqbel mar-rikorrent appellant meta jingħad minnu li mhux kull oġġett fuq il-bastiment huwa bilfors wieħed ta'

merkanzija, ma taqbilx miegħu meta jingħad minnu li l-*jet skis* la kienu jikkostiwixxu oġġett jew tagħbija ta' merkanzija u lanqas provvisti u għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jiġu dikjarati u lanqas kellu japplika l-Artikoli 59(2) tal-Kap.37. Il-fatt li l-*jet skis* kienu oġġetti personali tar-rikorrent ma jeskludix il-possibbilta` li dawn tgħabbew fuq il-bastiment bl-iskop li jiġu esportati. Il-fatti riżultanti mill-provi in atti jikkontradixxu t-teżi tal-appellant. Meta wieħed jikkonsidra li l-merkanzija elenkata kienet fost affarijiet oħra tinkludi bċejjeċ tal-baħar, iżda mhux il-*jet skis* u l-provvisti kollha elenkati mill-istess rikorrent, senjatament kif rilevat qabel, oġġetti bħalma huma *stereo system,* kompjuter, televiżjoni, *calculator,* u *photocopy machine* li lanqas jista' jingħad li jaqgħu fid-definizzjoni ta' provvisti li jittanta jagħti l-appellant, wieħed bilfors jistaqsi x'inhi r-raġuni wara l-fatt li dawn il-*jet skis* ma jirriżultawx mil-listi esebiti in atti. Jibqa' l-fatt li r-rikorrent appellant naqas milli jagħti raġuni valida u kredibbli l-għala l-*jet skis* ma kinux mniżżla fuq l-ebda lista jew elenku. Għalkemm l-appellant isostni li l-liġi ma tagħti ebda setgħa lid-Direttur appellat li jikkonfiska l-oġġetti li ma jkunux fil-lista tal-effetti personali tal-ekwipaġġ, din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 59(2) tal-Kap.37, in kwantu l-kliem użat mil-liġi huwa ċar li kull oġġett (ta' merkanzija) jew provvista li mhumiex imniżżla fil-manifest jew polza <u>għandhom</u> jiġu ssekwestrati. Is-sekwestru huwa mandatorju u d-Direttur intimat m'għandu l-ebda diskrezzjoni fir-rigward. Inoltre, jibqa' l-fatt li fejn il-bqija tal-affarijiet li kienu proprjeta` personali tar-rikorrent jew tal-

membri tal-ekwipaġġ jirriżultaw jew mix-*ship's stores list* jew mid-dikjarazzjoni tal-oġġetti personali tal-membri tal-ekwipaġġ, dawn il-*jet skis* ma jirriżultaw imkien. Dan il-fatt fih innifsu jqanqal suspett dwar l-għan aħħari wara l-fatt li kienu tgħabbew l-istess *jet skis* fuq il-bastiment. Lanqas din il-Qorti ma hi konvinta li dawn kienu ilhom diversi xhur fuq il-bastiment bil-għan li jintużaw mill-membri tal-ekwipaġġ għad-divertiment fil-port ta' Libja. Isegwi li dan l-aggravju wkoll ma jagħti l-ebda fejda għall-appell tar-rikorrent.

21. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tar-rikorrent appellant, dak fejn jilmenta li l-ewwel Qorti ddeċidiet li ma kinitx konvinta: "*li dawn il-jet skis ma kienux ser jiġu esportati illegalment li kieku ma ġewx konfiskati mill-intimat*" meta din ma kinitx waħda mid-difiżi tad-Direttur appellat. Jikkontendi li d-Direttur appellat ikkonfiska l-*jet skis* mertu tal-kawża minħabba li ma kinux indikati f'xi dokument tal-bastiment, aktar milli minħabba biża' li kienu ser jiġu esportati llegalment.

22. Fil-verita` huwa ritenut li dan l-aħħar aggravju tar-rikorrent appellant huwa pjuttost fieragħ, kunsidrat li mit-tieni paragrafu tar-risposta tad-Direttur appellat huwa evidenti li d-Direttur appellat qabad dawn iż-żewġ *jet skis* proprju peress li jingħad li r-rikorrent kien qiegħed "*jipprova jesporta llegalment lejn Zuara, fil-Libja l-imsemmija jet skis li ma kienux debitament dikjarati fuq il-bastiment MV LECA NORD.*" Dan apparti li

mix-xhieda ta' Carmel Attard, Kap Spettur tal-Infurzar fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana, jirriżulta li huma għamlu l-ispezzjoni fuq il-bastiment tar-rikorrent, proprju peress li kellhom informazzjoni li fuq dan il-bastiment kienu ser jiġu esportati minn Malta xi oġġetti li kienu abbord, b'mod illegali, mingħajr ma kienu indikati fil-manifest tat-tagħbija jew fil-manifest tal-provvisti. Għalhekk dan jikkontendi li r-rikorrent naqas li jagħmel id-dikjarazzjoni tad-Dwana meħtieġa għall-esportazzjoni tal-imsemmija żewġ *jet skis* bil-konsegwenza li nħarġet in-Nota ta' Qbid 64/2013, peress li dan kien bi ksur tal-Artikolu 59(2) tal-Kap. 37 (ara xhieda a fol. 55 u 56 tal-proċess). Isegwi li dan l-aħħar aggravju tar-rikorrent appellant ma jreġix, peress li meta l-ewwel Qorti ddeċidiet li r-rikorrent ma rnexxielux jikkonvinċiha li dawn il-*jet skis* ma kinux ser jiġu esportati llegalment li kieku ma ġewx ikkonfiskati mill-intimat, mhix xi ħaġa li kellha tissorprendi lill-appellant, kunsidrat li din kienet proprju t-teżi tad-Direttur appellat, sa minn meta ressaq ir-risposta tiegħu fil-proċeduri odjerni. Għalhekk lanqas dan l-aħħar aggravju ma jistħoqqlu li jintlaqa' u ser jiġi miċħud.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet kollha, tiddisponi mill-appell imressaq mir-rikorrent appellant, billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Ġunju, 2020,

fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu kollha mir-rikorrent appellant, Paul Attard.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da